

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2180

tat-28 ta' Settembru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tal-Linja Komuni dwar it-tnaqqis temporanju tad-depożitu minimu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Kreditu ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament") ġew trasposti, u għalhekk saru legalment vinkolanti fl-Unjoni Ewropea permezz tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.
- (2) Il-Parteċipanti fl-Arranġament ("il-Parteċipanti") għandhom jiddeċiedu, fi proċedura bil-miktub, dwar il-proposta tal-Unjoni Ewropea għal Linja Komuni f'konformità mal-Kapitolu IV, it-Taqsima 5 tal-Arranġament biex jippermettu tnaqqis temporanju fid-depożitu minimu meħtieġ skont l-Artikolu 11 a) tal-Arranġament (il-"Linja Komuni proposta"), fid-dawl tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku attwali tal-COVID-19.
- (3) Il-Linja Komuni proposta tippermetti lix-xerrejja pubbliċi f'pajjiżi bi dħul baxx u medju, li jixtru oġġetti u servizzi li huma s-suġġett ta' appoġġ uffiċjali għall-kreditu għall-esportazzjoni, biex jagħmlu depożitu ta' minimu ta' 5 % tal-valur tal-kuntratt tal-esportazzjoni għal perjodu ta' 12-il xahar, minflok 15 % kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 11 a) tal-Arranġament. Dan imbagħad ifisser żieda fil-limitu għall-appoġġ uffiċjali massimu li l-Parteċipanti jistgħu jipprovdu għalih skont l-Artikolu 11 c) tal-Arranġament, minn limitu massimu ta' 85 % sa 95 % tal-valur tal-kuntratt tal-esportazzjoni, għall-istess perjodu ta' żmien.
- (4) Din il-miżura eċċezzjonali hija neċessarja biex tirreaġixxi għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li jirriżulta mill-kriżi sanitarja tal-COVID-19 u tnaqqas l-impatt serju tal-kriżi fuq it-tweġġiq ta' proġetti importanti fl-industrija tal-Unjoni fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-Linja Komuni proposta fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti, peress li l-Linja Komuni proposta, ladarba jintlaħaq qbil dwarha, ser tkun kapaċi tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tal-proposta għal Linja Komuni dwar it-tnaqqis temporanju tad-depożitu minimu għandha tkun ibbażata fuq l-Abbozz ta' Proposta mill-Unjoni Ewropea għal Linja Komuni⁽²⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-kreditu ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

⁽²⁾ Ara d-dokument ST11591/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
S. KUSTEC
